ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 40/07 – L-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
    - *Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart mis-sena 2015*
    - *Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart mis-sena 2015*
    - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 39/07 ta' nhar **l-Erbgħa 26 ta' Awwissu 2015 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li s-sitwazzjoni mal-Kuntrattur Vella Group għadha status quo għall-fatt li kienet għadha ma ġietx skedata laqgħa oħra ma' dan il-kuntrattur. *Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li bil-posta kienet irċeviet statement kemm tal-kuntratt tal-PPP kif ukoll tall-kuntratt tar-Resurfacing mingħand Vella Group u li dwarhom kelmet lill-Accountant tal-Kunsill sabiex jivverifikahom.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol li sar u li għad hemm bżonn isir fil-Berġa diġa qed iqarreb għal madwar €2000 iktar minn dak stmat oriġinarjament fil-Kuntratt. Kompla s-Sindku li ladarba għandna l-approvazzjoni mingħand l-Primary Helath Care xoghol ser jigi ordnat *Berġa*

iii. Fir-rigward ta' Ġnien Veliko Turnovo is-Sindku spjega li kellu meeting mas-Sur Dennis Calleja u li dan min-naħa tiegħu offra li jiftaħha 3 darbiet fil-ġimgħa u li joqgħod ipinġi hemmhekk. *Dennis Calleja Jaħdem fil-gazebo 3 darbiet fil-ġimgħa.*

iii.i. Sadanittant, spjega s-Sindku, il-ħaddiema assenjati ma' dan il-Kunsill ser u fejn hemm bżonn li jsir xi tibdil jew irranġar ser jieħdu ħsieb li jsir sabiex b'hekk tibda topera kemm jista' jkun malajr.

iii.ii. Ġie ssuġġerit ukoll li fil-ġnien titwaħħal il-camera portable li kien xtara l-Kunsill. *Camera fi Ġnien Veliko Turnovo*

iii.iii. Il-Viċi Sindku ħa nota u ser ikellem lill-Ispettur tad-Distrett sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien ġie spjegat lilhom fil-laqgħat preċedenti, il-Kunsill ikkonferma ma' Island Insurance Brokers f'isem MAPFRE INSURANCE AGENCY LTD li l-kwotazzjoniji tagħhom ġiet magħżula peress li kienet l-irħas waħda. *Insurance*

iv.i Is-Sindku żied jispjega li din l-Aġenzija fil-kwotazzjoni tagħhom ikkwotaw żewġ offerti oħra fejn f'waħda qalu li jekk il-Kunsill jissieħeb f'din il-polza għal tlett snin kien ser ikollu skont ta' 5% fis-sena filwaqt li jekk jissieħeb f'din il-polza għal 5 snin kien ser ikollu skont ta' 7.5% fis-sena. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill japprova li jissieħeb għal 3 snin, il-Kunsill ikun fit-termini ta' direct order u jkun jista jħallas l-ammont ta' €1,165.00 kull 4 xhur.

iv.ii. Saret diskussjoni dwar dawn iż-żewġ offerti. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li diment li l-Kunsill ikun fit-termini tal-Finacial Regulations jaqbel li mmexxu.

iv.iii. Il-Kunsill unanimament qabel li mmexxu f'dan is-sens.

iv.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sistema tal-PABX tal-Kunsill inbidlet u twaħħlet sistema ġdida. *PABX*

iv.ii IS-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sistema ta-CCTV li fejn kien hemm bżonn li jsiru kemm tiswjiet kif ukoll tibdil tal-apparat saru. *CCTV*

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġa tkellem mal-Asst. Direttur responsabbli mill-HR fid-Dipt. Gvern Lokali sabiex it-*trainees* li jkollu assenjati miegħu jkunu jistgħu japplikaw f'każ ta' sejħiet għall-impjegati fil-Kunsill Lokali. Dan min-naħa tiegħu qallu li kien għad hemm xi kjarifiki xi jsiru pero ladarba jiġu ċċarati kien ser imexxi bl-approvazzjoni. Is-Sindku kompla jispjega li m'hemm imkien fil-Liġi li dawn is-sejħiet iridu jsiru bejn il-Kunsilli kollha u mhux internament fil-Kunsill partikolari. *Sejħiet għall-impjegati*

Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġa ċempillu wieħed mill-persuni li qed jagħmlu talba għal rifużjoni fuq xi tyres. Is-Sindku qal li hu min-naħa tiegħu reġa għal darb'oħra spjegalu imma milli jidher dan kien kollu ta' xejn għax xorta reġa ġie Sibt. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li hu kien preżenti meta ġie u anke hu pprova jispjegalu.

Ħatra ta' Bord

viii.i Sadanittant is-Sindku spjega li kien ser joħloq Bord fejn dan l-istess Bord jfassal kriterji sabiex il-Kunsill ikollu bażi fuq xhix jevalwa kemm dawn iż-żewġ każijiet kif ukoll oħrajn ġodda li jistgħu jirriżultaw. Dan il-Bord għandu jressaq dawn il-kriterji kif ukoll l-evalwazzjoni tiegħu sa' laqgħa oħra li jmiss. Dan il-Bord ser ikun kompost minn : Viċi Sindku Keith Darmanin bħala Chairman, mill-Kunsillieri Lawrence Bonavia u Luke Genuis bħala membri kif ukoll mis-Sna Antonella Galea bħala Segretarju tal-Bord.

Turf tal-ground 5 aside

ix. Rigward it-turf, is-Seg. Eżek. qalet li reġgħet kelmet lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jiggwidana fuq x'possibilta' hemm sabiex inħaffu l-kawża sabiex dan l-Appell jiġi appuntat. Għad m'għandniex risposta.

Skart Domestiku

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-iskart għad qed ikollu diversi nuqqasijiet dwar il-ġbir għaliex jidher li għadhom qed jinqabżu xi toroq u/jew ma jinġabarx l-iskart kollu.

x.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li wara knisja ġieli ra xi zibel.

Ambaxxatur Vot16

xi. Rigward l-Ambaxxattur Vot 16, ġie propost TRISTAN MERCIECA, 402098M, NRU. 90, GLEN WAVERLEY, TRIQ IL-FIERES, TARXIEN.

xi.i Il-Kunsill qabel unanimament li Tristan Mercieca jinħatar Ambaxxatur Vot 16. Ser tintbgħat il-formola tal-kunsens sabiex tiġi ffirmata mill-ġenituri u ladarba din tkun iffirmata ser ninfurmaw lid-Dipartiment kif meħtieġ.

Suġġeriment għal Proġett mill-KNZ

xi.ii Il-Kunsillier Luke Genuis qal li kelmuh mill-KNZ minħabba xi proġetti. F'dan ir-rigward is-Sindku qallu biex joqgħod attent li jekk dawn il-proġetti jinvolvu l-Kunsill, jara eżatt xi jkun l-involviment finanzjarju tal-Kunsill. Sadanittant il-Kunsillier Luke Genuis spjega li għalissa qallhom biex xorta jlaqqgħu l-kumitat.

Użu tal-Vann tal-Ex Sindku u SMS mill-Ex Sindku Joseph Abela

xii. Rigward il-messaġġ li kien bgħat lill-Kunsillieri kollha l-Ex Sindku dwar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Governanza u li dwarha is-Sindku kien kiteb lill-istess Bord, spjega s-Sindku li l-Bord wieġeb dan il-każ huwa magħluq u għalih dan il-każ allura huwa magħluq ukoll.

Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm li kien ikkonferma mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto dwar *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass din min-naħa tagħħa kienet għadha ma weġbitx.

xiii.i Il-Kunsillier Luke Genuis talab sabiex tintbgħatlu kopja sabiex jiċċekja f'hix wasal il-proċess. Is-Seg. Eżek. ser tgħaddilu kopja kif mitlub.

Penali minħabba nuqqas tal-Ex Seg. Eżek. Paul J. Pace

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-penali ta' madwar €1119 li l-Kunsill weħel fl-2014 minħabba nuqqas tal-Ex Seg. Eżek. Paul J. Pace, qal li l-Ministru wieġbu u qallu li hemm linji u li jridu jimxu magħhom. Jirriżulta li dan il-każ huwa magħluq u l-Kunsill ser ikollu jaċċetta din is-sitwazzjoni.

Ġnien Joanne

xv. Rigward ix-xogħol fuq il-bandli fi Ġnien Joanne, is-Sindku nforma lill-Kunsill li mexjin u li fadal huma xi xogħlijiet żgħar. Is-Sindku qal li kellu xi lmenti minħabba li tnaqqset bandla. Hu spjega lin-nies li minħabba s-safety ix-xogħol hekk irrikjeda li jsir.

Ġnien Kurunell Mass

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill qed jippreżenta fuq il-mejda l-istima ta' xogħlijiet neċessarji sabiex isir embellishment ta' l-area fi Triq Kurunell Mass. Is-Sindku spjega l-istima li ġab f'hix kienet tikkonsisti u li jidher li kien hemm kollox inkluż u qal li l-ispejjeż jammontaw għal madwar €21,449.70. Kompla s-Sindku li l-Kunsill

jista' jibbenefika minn fondi tal-UIF li jammontaw għal madwar €10,000. Ladarba l-Kunsill jaqbel li dan ix-xogħol isir, ikun fadal biss li ngħidu lill-Perit biex jemenda l-permessi fuq li kien hemm.

xvi.i B'mod unanimu l-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir.

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-shared spaces hekk kif kienu nfurmati fl-aħħar laqgħa, ser ikun r-Reġjun Xlokk li ser jieħu f'idejgħ dan il-proġett. Il-Kunsilli li huma nteressati għandhom jinfurmaw lir-Reġjun sa mhux aktar tard mit-8 ta' Ottubru 2015. Shared Spaces

xvii.i. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa x'ser ikun l-involviment tal-Kunsill f'dan il-proġett ? Is-Sindku wieġbu li bħala finanzi ebda Kunsill ma kien ser joħroġ flus. Dan kien iktar bbażat fuq studju.

xvii.ii Il-Kunsill qabel unanimament li nipparteċipaw.

xviii.i Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-uffiċċju waslet ittra ta' AVVIŻ TA' QTUGĦ tad-dawl u l-ilma fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra. Din in-notifika hija ndirizzata lill-Works Dept pero fuq l-envelopp bil-biro kien hemm miktub "TRY COUNCIL". Dan l-avviż qed jinnotifika li fuq il-Monument tal-Gwerra hemm kontijiet pendenti li jammontaw għall €2047.38. Il-Kunsill rrimarka li f'dan l-uffiċċju qatt ma waslu kontijiet u li qatt m'applika għal meter. Monument Vittmi Gwerra

xix. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li t-TM bgħatet 3 ittri fejn : TM

xix.i
- L-Awtorita' qed tinforma lill-Kunsill li l-Bord għal Reserved Parking għall-persuni b'diżabilita' rreveda t-talba tas-Sna Kimberly Vella ta' Alcasons Court, Blk D, Flt 5, Dejma Road u rriżulta li s-Sna Vella hija eleġibbli għal reserved parking bay. Reserved Parking Bay Alcasons Court, Blk D, Flt 5, Dejma Raod

xix.ii
- L-Awtorita' ma tapprovax talba għal Un/Loading Bay fil-viċinanza tal-ħanut Dolce Sorpresa Confectionery fi Triq George Caruana Tarxien ladarba dan il-ħanut mhux eleġibbli skond il-policy. Un/Loading Bay fil-viċinanza tal-ħanut Dolce Sorpresa Confectionery fi Triq George Caruana Tarxien

xix.iii
- L-Awtorita' rċeviet talba għall Reserved Parking Bay mingħand Kieren Said, ta' Blk 7, Flt 4, Stringray Flats, Triq il-Madonna tar-Rużarju Tarxien. F'każ li l-Kunsill jsib xi oġġezzjoni għandu jibgħat lit-T. Fil-każ l-Awtorita' tmexxi u jkun il-Bord li jiddeċiedi. Reserved Parking Bay mingħand Kieren Said, ta' Blk 7, Flt 4, Stringray Flats, Triq il-Madonna tar-Rużarju Tarxien

xx. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-Dipt tal-Kura Primarja tas-Saħħa ser tniedi l-kampanja għall-vaċċin tal-influwenza. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia offra li bħal kull sena jerġa jagħti hu l-vaċċin lir-residenti Taxinizi. Id-dettalji ta' kull min hu interessat u nkiteb fil-Kunsill għandhom jaslu għand d-dipt. Sa mhux aktar tard mis-16 ta' Ottubru 2015. Vaccin Infuwenza

xxi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Assoċ. Gvern Lokali ser torganizza Laqgħa Plenarja nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015. L-AKL talbet li s-Sindki, Viċi Sindki u Kunsillieri jħallu din id-data libera minn attivitajiet sabiex ikun hemm attendenza sabiħa. Laqgħa Plenarja

xxii. Il-Kunsillier Frans Agius nforma lill-Kunsill li kien irċieva talba permezz ta' email u li kopja tagħha kien għaddieha lis-Sindku u lill-Kunsill sabiex isir żbir tas-siġar ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi u dan qabel l-ftuħ mill-ġdid tat-tempji .

xxii.i. Il-Kunsill qabel li ngħidu lill-Kuntrattur tal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb dan iż-żbir.

Rapporti ta' kull Kwart 1 u 2 Skeda ta' Pagamenti

3. **Affarijiet Finanzjarji**

- *Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart mis-sena 2015*

i. Is-Seg. Eżek. spjegat lill-Kunsill li hekk kif muri fiż-żewġ Rapporti, hemm bilanċ sostanzjali għal xogħlijiet li l-Korporazzjoni tal-Ilma qatt ma rrifondiet lura lill-Kunsill.

i.i Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li nkellmu l-Avukat tal-Kunsill x'passi għandu wieħed jieħu f'dan ir-rigward.

i.ii. Dan ir-rapport ġie approvata b'mod unanimu u ġie ffirmat mis-Sindku kif ukoll mis-Seg. Eżek.

- *Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart mis-sena 2015*

ii. Dan ir-rapport ġie approvata b'mod unanimu u ġie ffirmat mis-Sindku kif ukoll mis-Seg. Eżek.

- *Skeda ta' Pagamenti*

iii. L-Iskeda Nru 29/07 ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

4. **Rapport tal-Kunsilliera**

i *Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

i.i Is-Sur Darmanin qal li fi 22 ta' Settembru 2015 saret laqgħa tan-Neighbourhood Watch skond kif elenkat hawn taħt:

- Triq Valerio Vigorelli, Triq E.B. Vella u Triq Marjanu Gerada;

Filwaqt li qal li l-laqgħat għat-toroq l-oħra ser isiru kif elenkati hawn taħt:-

- IT-TNEJN 5 T'OTTUBRU 2015 FIS-18:00PM
  Triq Agostino Randon, Triq GanantonTanti

- IT-TLIETA T'OTTUBRU 2015 FIS-18:00PM
  Triq Anġlu Mangion, Triq Ġannikol Buhagiar, Triq Karlu Maratta, Triq it-Tamal, Triq il-Madonna tad-Duttrina, Triq Kalamija.

i.i.i Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn il-laqgħat tan-Neighbourhood Watch.

i.ii. Il-Viċi Sindku qal li l-lezzjonijiet tal-Aerobics bdew u għalissa għadhom qed isiru fil-grawnd tal-Kunsill. Żied jirrimarka li mhux in-nies kollha li kienu applikaw qegħdin jattendu għal-lezzjonijiet.

i.iii. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tittella' Classic Car Show u li l-parteċipanti jingħataw drinks u li tinxtara token għal valur ta' €15.00.

i.iii.i Il-Kunsill unanimament qabel li jittella' dan il-Car Show u li l-parteċipanti jingħataw drinks mill-Każin tal-Banda tal-Madonna tad-Duttrina u li tinxtara token għal valur ta' €15.00.

ii. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li d-Dipt tal-Edukazzoni aċċettaw li jagħtuna klassi u li bħas-soltu dawn il-lezzjonijiet ser isiru ġewwa ċ-Ċentru Komunitarju. Huwa żied jgħid li dawn il-lezzjonijiet issa waslu biex jibdew.

ii.ii Il-Kunsillier Frans Agius qed jissuġġerixxi li l-lezzjonijiet tal-crafts jibdew għax-xitwa. Il-Kunsill qabel unanimament. Ser jipprova jqassam xi leaflet informattiv ġewwa l-iskola.

iii. Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella

iii.i Is-Sinjura Vella qalet li l-ħarġa li jmiss ippjanata li ssir fi 22 ta Ottubru 2015 ġewwa l-Vivaldi Hotel u din ser tkun Buffet breakfast.

iii.ii Il-Kunsill unanimament qabel li din il-ħarġa ssir.

5. **Ħwejjeġ Oħra**

i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li ssuġġerixxewlu li jsir pit tal-klieb.

i.i. Ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħat oħra li jmiss.

i.ii Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li kien hemm mera Triq l-Annunzjata ma Triq l-Iskola u tneħħiet.

i.ii.i Is-Sindku wieġeb li din tneħħiet wara li kienu qed jidħlu ħafna lmenti li l-mera kienet qed turi l-bogħod. Is-Sindku ssuġerixxa li niktbu lit-TM forsi ssir traffic calmer.

6. **Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:30pm

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015 fis-6.00pm

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**